Maltese

Australian Government
Attorney-General's Department

ŻOMM L-AWSTRALJA SALVA.
ŻOMM L-INFORMAZZJONI GĦADDEJJA

NATIONAL SECURITY HOTLINE
1800 1234 00

Operaturi mħarrġa jieħdu kull telefonata bis-serjetà.
Tista' tibqa' anonimu

Sigurtà Nazzjonali – kull dettal jgħin

Kull biċċa informazzjoni li nirċievu minn membri tal-pubbliku illum tista' tkun ta' valur imprezzabbli biex iżżomm l-Awstralja salva mit-terroriżmu fil-futur. Spiss huma l-iżgħar dettalji li jagħmlu l-akbar differenza. Mela jekk tara jew tisma' xi ħaġa li ma tidhirx normali, jekk jogħġbok ċempel in-National Security Hotline u żomm l-informazzjoni għaddejja.

X'inhu n-National Security Hotline?

In-National Security Hotline **(1800 1234 00)** hu numru tat-telefown bla ħlas li jqabbdek mal-awtoritajiet biex tirrapporta attivitajiet li jistgħu jkunu terroristiċi fl-Awstralja. Il-Hotline jaħdem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem kull ġimgħa. Hu importanti li żżomm l-informazzjoni għaddejja. – kull biċċa informazzjoni li nirċievu minn membri tal-pubbliku llum tista' tkun ta' valur imprezzabbli biex iżżomm l-Awstralja salva mit-terroriżmu fil-futur.

X'għandu jiġi rrappurtat lin-National Security Hotline?

It-Terroristi joqgħodu fuq is-sorpriża, u għalhekk ser ikun dejjem diffiċli li tiġi mogħtija lill-pubbliku lista definittiva ta' sinjali probabbli tat-terroriżmu. Imma, l-esperjenza lokali u minn barra, tatna xi sinjali probabbli tat-twissija li wieħed għandu joqgħod attent għalihom. Waqt li l-aġenziji Awstraljani tas-sigurtà qed jaħdmu ħafna biex iħarsu l-Awstralja mit-terroriżmu, il-membri tal-pubbliku jistgħu jgħinu biex toħroġ stampa sħiħa. Dan il-fuljett jagħti biss xi ftit eżempji li wieħed għandu joqgħod attent għalihom.

Vidjotejpjar jew fotografija mhux tas-soltu ta' bini uffiċjali jew infrastruttura kritika oħra

Il-vidjotejpjar hu wieħed mill-modi kif it-terroristi jiġbru t-tagħrif dwar it-targit tagħhom. Jekk tara lil xi ħadd jużа kamera tal-vidjo, kameras, kameras telefoniċi b'mod stramb (u ma jidhrux li huma turisti) allura rrapurtaha

Vetturi suspettużi ħdejn bini importanti jew postijiet pubbliċi fejn jgħaddu ħafna nies jew vetturi

It-Terroristi jużaw vetturi għal ħafna raġunijiet differenti, minn sorveljana sa mezz kif ipoġġu l-bombi. Il-vetturi jistgħu jkun ipparkjati għal żmien twil mhux tas-soltu, xi kultant f'postijiet li mhux suppost tipparkja fihom. L-isplussivi jistgħu jkunu tqal u għalhekk il-karrozzi u l-vannijiet jistgħu jkunu baxxi ħafna fuq is-suspension tagħhom. Ir-reġistrazzjoni tagħhom tista' tkun skadiet jew ikollhom pjanċi tan-numri foloż jew neqsin.

Bżonnijiet suspettużi tal-akkomodazzjoni

Xi kultant, persuni jużaw jew jikru jew jixtru akkomodazzjoni b'mod suspettuż fejn jistgħu jkunu qed jaħdmu biex jikkoordinaw attakk terroristiku. Fl-RU, garaxx mikri inbidel f'fabbrika tal-bombi. Membru tal-pubbliku rrapporta li kien hemm persuni ġejjin u sejrin b'mod stramb u li kienu qed jilbsu l-ingwanti, li wassal għall-arrest tat-terroristi li kienu diġà attakkaw l-Ajruport ta' Heathrow tliett darbiet.

Xiri mhux tas-soltu ta' kimiċi, splussivi u apparat protettiv

Kimiċi ġew użati f'attakki terroristiċi madwar id-dinja. Dawn il-kimiċi jinsabu komunement fi prodotti domestiċi, tal-biedja, veterinarji, industrijali jew tas-sbuħija. Jekk int tara xi xiri mhux tas-soltu ta' kimiċi u apparat protettiv, irraportahom lin-National Security Hotline.

Xi ħaġa ma tidhirx normali

Persuni li jkunu qed jippjanaw att ta' terroriżmu għandu mnejn jaġixxu b'mod stramb jew suspettuż, jew it-talbiet tagħhom ma jagħmlux sens. Eżempju ta' imġieba li ma "tagħmilx sens" dehret fil-każ tat-terroristi li kienu responsabbli għall-attakki tal-11 ta' Settembru fl-Istati Uniti. Huma kienu mħarrġa kif itajru l-ajruplani, imma ma kinux interessati jitgħallmu kif itiru jew kif jillandjaw. Jekk xi ħaġa hijiex suspettuża jew le jista' jiddependi miċ-ċirkustanzi. Eżamina s-sitwazzjoni kollha. Jekk l-attivitajiet ta' xi ħadd minħabba l-imġieba tagħhom suspettuża jinkwetawk, ċempel in-National Security Hotline li hi miftuħa 24 siegħa kuljum fuq 1800 **1234** 00.

Identitajiet foloz jew iżjed minn waħda

Persuni li qed jippjanaw att ta' terroriżmu spiss jużaw dokumenti misruqa jew foloz, inklużi kards tal-kreditu, passaporti u liċenzji tas-sewqan. Huma jistgħu wkoll ikollhom ħafna identitajiet u għandhom mnejn jagħtu dettalji konfliġġenti lil dawk li jagħmlu kuntatt magħhom.

Ftakar: huma l-iżgħar dettalji li spiss jagħmlu l-akbar differenza. Jekk tara jew tkun taf b'xi imġieba li tinkwetak, ħu nota ta' l-akbar numru ta' dettalji li tista' tieħu. Dettalji li jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet jinkludu: indirizzi tat-triq, dati, ħinijiet, numri tat-telefown, numri tal-pjanċi u deskrizzjonijiet.

Dettalji tal-Kuntatt

Jekk tara jew tisma' xi ħaġa li ma tidhirx normali, jekk jogħġbok ċempel in-National Security Hotline u żomm l-informazzjoni għaddejja. Ftakar: huma l-iżgħar dettalji li spiss jagħmlu l-akbar differenza.

Telefown: **1800 1234 00**
Email: hotline@nationalsecurity.gov.au
Żur: australia.gov.au/nationalsecurity